MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 826/1995/2

**Avukat Dottor Tonio Azzopardi**

**Vs**

**(1) Karl Stagno Navarra,**
**(2) Joe Zahra,**
**(3) Paul Spiteri.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fit-22 ta’ Gunju 1995 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenuti bhala editur, awtur stampatur rispettivament tal-gurnal "IN-NAZZJON TAGHNA", permezz ta' kitba intestata "AVUKAT JITLOB Lm10,000" li giet ippubblikata fil-harga tal-21 ta' Gunju 1995 ta' l-istess gurnal (Dok. "A"), taw malafama lill-attur billi attribwewlu

fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu jew li jesponuh ghar-ridikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku;

Premess illi l-attur bhala parti offiza ghandu drttt ghad-danni kontemplati fil-ligi ta' l-istampa;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara illi l-konvenuti bhala editur, awtur u stampatur rispettivament tal-gurnal "IN-NAZZJON TAGHNA" taw malafama lill-attur bl-istampar fuq imsemmi, li ghandu l-iskop li jtellef u jnaqqas l-istima tieghu;

2. Tikkundanna lil kull wiehed mill-konvenuti li jhallas lill-attur dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina f' ammont li ma jeccedix l-elfejn lira (Lm2000) bhala danni u riparazzjoni ta' l-ingurja morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez u hlas ta' V. A. T., kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti, ipprezentata fil-15 ta' Settembru 1995 u li fiha eccepew:-

1. Illi l-istampat in kwistjoni huwa privileggjat - fis-sens illi ebda azzjoni ma tista' tittiehed dwar il-pubbikazzjoni - billi huwa rapport ta' procedimenti f' qorti tal-gustizzja f' Malta [Artikolu 33 (e) tal-Kapitolu 248 tal-ligijiet ta' Malta];

2. Salve eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tal-10 ta' Novembru 1998 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tigbor il-provi li kien fadal;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda migbura u d-dokumenti esebiti;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet intavolati mill-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

F' din l-istanza l-attur qed jippretendi b' rizarciment il-hlas tad-danni taht l-Att dwar l-Istampa ghall-malafama li huwa jikkontendi li saret fil-konfront tieghu bil-pubblikazzjoni mitbugha fil-harga ta' "In-Nazzjon Taghna" tal-21 ta' Gunju 1995. Kontra din it-talba l-konvenuti jiddefendu ruhhom bl-eccezzjoni illi l-pubblikazzjoni *de quo* hi privileggjata ai termini ta' l-Artikolu 33 (e) tal-Kapitolu 248. Fil-prezent, bl-emendi introdotti bl-Att X ta' 1-1996, il-predett artikolu hu dak ri-enumerat 33 (d);

Skond dan l-artikolu huma meqjusa bhala pubblikazzjonijiet privileggjati immuni minn proceduri dwarhom "il-pubblikazzjonijiet ta' rapporti ta' procedimenti f' qorti tal-gustizzja f' Malta, kemm il-darba dawk ir-rapporti jkunu rapporti gusti tal-procedimenti u l-pubblikazzjoni ta' dawk ir-rapporti jew procedimenti ma tkunx projbita b' ligi jew mill-qorti";

Jixraq fl-ewwel lok, qabel approfondiment tal-kwestjoni hawn involuta, illi jinghad dan li jsegwi b' introduzzjoni generali. Hu provvdut bl-Artikolu 1030 tal-Kodici Civili illi

"kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b' dak l-uzu". Korrettement intiz, dan huwa hekk ghaliex it-titolari ta' dak il-jedd javvalla ruhu minn posizzjoni ta' vantagg, legalment rikonoxxut lilu, u, in kwantu tali, dan jipprevali fuq l-interessi konfliggenti ta' ohrajn. Anke hawn l-ezercizzju tad-dritt tal-kronaka hu rikollegat ma' din il-qaghda;

Naturalment, ma jistax ma jigix osservat illi, kif inhu ormaj bil-wisq pacifiku, id-dritt ta' l-espressjoni libera hu kostituzzjonalment u konvenzjonalment, imhares, bl-istess mod li hu tutelat id-dritt ta' l-integrita` morali tal-persuna. Kif spiss jigri, f' kazijiet tax-xorta hawn kontemplata l-Qorti tigi konfrontata minn sitwazzjoni fejn trid tistharreg f' liema limiti, f' kaz ta' konflitt bejn dawn iz-zewg drittijiet, il-wiehed ghandu jipprevali fuq l-iehor. Il-kompitu mhu xejn facli. Dan ghaliex, gjaladarba mhux possibbli li wiehed jidentifika kriterju bazat fuq xi gerarkija ta' valuri, kull investigazzjoni trid necessarjament issir b' riferiment ghall-kaz specifiku ezaminat u skond il-fattispeci partikolari tieghu;

Dan affermat, l-attur jikkwerela bl-azzjoni intentata minnu, dik il-parti tal-pubblikazzjoni, intestata "Avukat jitlob Lml0,000", fejn fis-seduta ta' l-atti tal-proceduri penali kontra Olaf Cini dan ta' l-ahhar jinghad li spjega lill-Qorti "li l-avukat Dr. Tonio Azzopardi, li kellu jidher ghalih, talbu total ta' xejn anqas minn Lml0,000 biex jidhirlu u jiddefendilu l-kaz. Kien spjegat lill-Qorti li s' issa Dr. Azzopardi thallas total ta' Lm3,200 minn Cini u ftit qabel ma kellha tibda tinstema' l-kawza l-bierah filghodu, Dr. Azzopardi talab Lm6000 ohra, 'inkella ma nidhirx'."

Fuq il-fatti, kif allegati, din il-Qorti hija sodisfatta li l-kliem tal-pubblikazzjoni jirriflettu l-ispjegazzjoni li l-imsemmi Olaf Cini pprovda lill-Magistrat sedenti, li kien qed jippresjedi fil-proceduri kontra tieghu. Ara xhieda tal-gurnalista Sharon Spiteri (fol. 47), dik tal-konvenut Karl Stagno Navarra (fol. 65) u ta' l-Ispettur Peter Paul Zammit (fol.

140). Ciononostante, l-attur xorta wahda jissottometti li r-rapport ta' dak li nghad f' dawk il-proceduri ma jistax jitqies “*fair and accurate"* ghaliex, skond hu, il-metru tar-*res gestae* kellu jkun il-verbal redatt mill-Magistrat u f' dan ma nsibu xejn mill-kontenut ta' l-ispjega ta' Olaf Cini kif riportata fil-gurnal. Barra minn hekk, il-konvenuti ghazlu li jaccettaw bhala verita` sagrosanta dak li nghad minn Olaf Cini flok ghamlu l-verifiki debiti qabel il-pubblikazzjoni;

Huwa ferm logiku illi dawn is-sottomissjonijet ta' l-attur iridu jigu raffrontati mad-disposizzjoni tal-ligi [Artikolu 33 (e)] aktar 'il fuq riprodotta u, bhala materja ta' perswasjoni, anke jekk mhux necessarjament imperenti, ma' l-awtorita` tal-gurisprudenza, lokali u estera, u ta' l-opinjonijiet tal-kommentaturi akkreditati;

Ma jkunx inopportun jekk in linea preliminari jigu, b' riferenza ghall-Artikolu 33 (e) tal-Kapitolu 248, replikati l-enuncjazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell f' dawn is-siltiet li jsegwu mis-sentenzi taghha tas-6 ta' Ottubru 2000 in re: **"Lino Debono -vs- Avv. Toni Abela LL.D.**":

(1) "Il-privilegg ta’ l-immunita` mill-prosekuzzjoni hu certament ispirat mill-interess pubbliku ghall-informazzjoni biex ikun aggornat dwar dak li jigri fil-qrati ta' gustizzja fejn spiss jigi trattat mertu li jolqot lill-ordni socjali, mertu ta’ interess generali, civili, kummercjali, kriminali u xort' ohra. Il-privilegg allura ma hu bl-ebda mod marbut mal-persuna ta' min ilissen il-kliem oggettivament ingurjuz, imma mad-dritt tal-kollettivita` ghall-informazzjoni";

(2) "Ghall-fini ta' din l-eccezzjoni dak li kien mehtieg kien illi r-rapport ikun fidil ma' dak li jkun attwalment gara fil-proceduri u mhux mar-realta` oggettiva li jissuggerixxu l-kliem malafamanti";

(3) "Stabbilit il-principju li r-*ratio legis* ghal dan il-privilegg kwalifikat jipprotegi rapportagg ta' proceduri gudizzjarji u ghall-informazzjoni tal-pubbliku u li tali privilegg kien biss sostnut fil-kazijiet fejn ikun hemm '*a fair*

*and accurate report*' – interpretazzjoni preciza ghat-terminu ‘rapporti gusti’ fis-subinciz (e) ta' l-Artikolu 33 - hi konsegwenzjali l-osservazzjoni li l-privilegg kwalifikat seta' biss jigi akkordat fejn ir-rapport ta' proceduri gudizzjarji b’ kontenut oggettivament malafamanti jkun sar bona fide biex jigi nformat il-pubbliku u mhux sempliciment u eskluzivament b’ mala fede biex titwassal l-ingurja fejn kienet immirata u xejn aktar";

(4) "Is-subinciz (e) ma jaghmel l-ebda limitazzjoni tax-xorta ta' pubblikazzjoni ta' rapporti ta’ procedimenti tal-qrati, la dwar il-kontenut u lanqas dwar kemm kellhom jew ma jkunux komprensivi tal-mertu. Jesigi pero` li dawn ir-rapporti jkunu 'gusti'. Gusti mhux tal-kontenut tal-kliem malafamanti imma gusti tal-procediment f' qorti ta' gustizzja";

Il-Qorti ssoffermat fit-tul fuq dawn il-brani mis-sentenza msemmija ghax thoss li dawn joffru interpretazzjoni ineccepibbli tad-disposizzjoni tal-ligi u tal-principji li jghoddu ghal kaz ta' pubblikazzjonijiet konnessi ma' procedimenti f' qorti ta' gustizzja. Minnhom, essenzjalment, jistghu jigu dezunti s-segwenti kriterji:

i. Evidentement, il-konnessjoni ma' procedimenti fil-qorti;
ii. Li r-rapport ikun fidil ta' dak li jkun intqal jew sehh f' dawk il-procedimenti;
iii. Li l-pubblikazzjoni tkun *bona fide*;

Intqal, a propozitu, fil-kaz ta’ stampar ta’ rezokonti parlamentari illi biex il-pubblikazzjoni ta' dawn tkun hielsa minn azzjoni "*tale resoconto ... debba essere esatto e fatto in buona fede".* Fi kliem iehor, "*per avere tale qualifica il resoconto deve essere imparziale e fatto con la esattezza che si deve aspettare da persone il cui ufficio è quello di dare al pubblico un giusto resoconto di cio che ha avuto luogo*" - "**Gerald Lord Strickland -vs- Dottor Carmelo Mifsud Bonnici, M.C.A.**", Appell Civili, 28 ta' Novembru 1930;

In tema, jinsab amplifikat mill-**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni** (**19 ta' Dicembru 2001, Numru 15999**) illi "*costituisce legittima espressione del diritto di cronaca, quale esimente dalla responsabilita` civile per danni, la pubblicazione di un' interrogazione parliamentare dal contenuto oggettivamente diffamatorio, sempre che (e solo che) corrisponde al vero la riproduzione (integrale o per riassunto) del testo dell' interrogazione medesima, essendo privo di rilievo, per converso, l' eventuale falsita` del suo contenuto, che il giornalista non ha il dovere di verificare, pur avendo l' obbligo di riprodurlo in forma impersonale ed oggettiva, quale semplice testimone, senza dimostrare, cioe`, con commenti o altro, di aderire comunque al suo contenuto diffamatorio ed abbandonare, cosi, la necessaria posizione di narratore asettico ed imparziale del fatto-interrogazione.*" Kieku kien dan il-kaz il-gurnalist ma jkunx jista' jistahba wara l-privilegg minnu dedott b' difiza izda skond ir-regoli generali jkollu jgib 'il quddiem il-verita` tal-fatti, l-interess tal-pubbliku ghall-informazzjoni u l-korrettezza formali ta' l-esposizzjoni tal-fatti. Dan, f' dan il-kaz, ma jokkorrix, tant li lanqas giet ventilata b' eccezzjoni l-verita` tal-fatti;

Tradott dan kollu ghall-kaz in ispecje hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, anke bi twegiba ghal certi sottomissjonijiet ta' l-attur, illi skond ir-rizultanzi probatorji:-

(a) Il-konvenuti rreferew *sic et sempliciter,* u bla zieda ta' kummenti personali proprji, ghal dak li ntqal minn Olaf Cini fil-procediment kontrih fuq mistoqsijiet posti lilu mill-Magistrat sedenti;

(b) Minn kif konfermat mix-xhieda, dak l-istess rezokont taghhom fir-rapportagg kien wiehed "<u>gust</u>" fit-termini ta' l-Artikolu 33 (e) u tat-tifsira moghtija ghal din il-kelma fid-diversi sentenzi ezaminati;

(c) Il-konvenuti ma kellhom ebda obbligu li jikkonducu verifiki, la mal-verbal tal-Qorti u wisq anqas

ma' l-attur innifsu, biex jistabilixxu u jiddeterminaw jekk dak li ntqal minn Olaf Cini kienx jikkorrispondi ghall-verita`;

(d) Ghalkemm dak rapportat imur oltre l-verbal tal-Qorti, dan xorta wahda jirriproduci fedelment dak li ntqal minn Cini, u allura f' dan is-sens ghandu l-kwalifika ta' rapport gust;

(e) Li jfisser allura li kemm taht il-ligi specjali [Artikolu 33 (e), Kapitolu 248] kif ukoll taht il-ligi ordinarja (Artikolu 1030, Kodici Civili) il-konvenuti huma ezenti mir-responsabilita`;

Kif taraha din il-Qorti dan kollu jwassal ghall-konsiderazzjoni illi kif, bosta drabi ripetut mill-**Gatley** "On Libel and Slander" (7th Edition, para. 425 u para. 648) "*the publication without malice of a fair and accurate report of the proceedings before a judicial tribunal exercising its jurisdiction in open court is privileged*";

Ferma din il-konsiderazzjoni, din il-Qorti ma tistax tonqos, ghal dak li jirrigwarda l-aspett involut f' din l-istanza, milli tiddenota illi l-attur, filwaqt li jirreferi (u sahansitra jirriproduci silta minnha), ghas-sentenza: "**Dr. Tonio Azzopardi -vs- Victor Aquilina *et*"** (Qorti ta' l-Appell kolleggjali, 27 ta' Gunju 2003) li, incidentalment, kienet tirrigwarda aspett iehor, oltre dak in diskussjoni, jonqos, imbaghad, milli jsemmi illi kemm l-ewwel Qorti (ara sentenza taghha tal-5 ta' Novembru 1999) kif ukoll dik ta' l-Appell irrespingew l-addebitu tieghu illi dak li gie rraportat li ntqal minn Olaf Cini kien libelluz. Difatti, fuq l-appell incidentali interpost mill-attur, l-ahhar Qorti imsemmija ppronunzjat ruhha hekk:-

"Dak li qal Cini, ghalkemm mhux minn fuq il-pedana tax-xhieda jew bil-gurament, kjarament <u>kien jifforma parti integrali minn dak li kien qed isir fil-kawza fil-konfront tieghu</u> (sottolinejar tal-Qorti). Dan gie rappurtat '*fairly and accurately*', u ghalhekk din il-Qorti ma tarax ghala fil-

konfront ta' din il-parti tar-rapport m' ghandux japplika l-Artikolu 33 (e) imsemmi";

B'egwal forza rafforzata dan ghandu *mutatis mutandis* japplika f' dan il-kaz ukoll.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, prevja l-akkoljiment ta' l-eccezzjoni tal-konvenuti, tichad it-talba ta' l-attur, bl-ispejjez jitbatew minnu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------